.

**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 5 ta' Ottubru, 2015**

Numru 13

**Rikors Guramentat Nru. 207/2011**

**Liquigas Malta Limited**

**vs**

**Easygas Malta Limited u**
**b'digriet tas-16 ta' Mejju 2011**
**giet kjamata fil-kawza Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-1 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-kumpanija rikorrenti topera fil-qasam tal-bejgh ta' gass LPG (liquid petroleum gas) f'Malta u tbiegh u tqassam l-istess gass permezz ta' cilindri li huma proprjeta taghha;

2. Illi hafna minn dawn ic-cilindri gew akkwistati mill-kumpanija rikorrenti minghand il-Korporazzjoni Enemalta bi ftehim datat 28 ta' Novembru 2008 li permezz tieghu l-kumpanija rikorrenti akkwistat in-negozju tal-bejgh tal-gass LPG li kien ilu gestit sa minn hafna snin qabel mill-istess Koprorazzjoni Enemalta. Dana kif jirrizulta mill-artikolu 3.1 tal-istess ftehim. Uhud minn dawn ic-cilindri huma bl-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi (senjatament il-kulur isfar) tal-Korporazzjoni Enemalta li l-kumpanija rikorrenti ghandha d-dritt esklussiv li tuza kif jirrizulta mill-artikolu 3.2.4 tal-imsemmi ftehim tat-28 ta' Novembru 2008;

3. Illi hemm cilindri ohra li ghandhorn l-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi (senjatament il-kulur ahdar) tal-kumpanija rikorrenti li jinkludu cilindri li gew introdotti fis-suq mill-istess kumpanija rikorrenti wara li bdiet topera fis-suq fi Frar 2009;

4. Illi dawn ic-cilindri li fihom jinbiegh u jitqassam il-gass jibqghu proprjeta tal-kumpanija rikorrenti (u qabilha tal-Korporazzjoni Enemalta) anke meta jkunu f'idejn il-konsumatur. Ic-cilindri kienu jidhru fl-audited accounts tal-Korporazzjoni Enemalta bhala assi taghha u llum jidhru bl-istess mod fl-audited accounts tal-kumpanija rikorrenti flimkien mac-cilindri l-godda introdotti fis-suq recentement mill-kumpanija rikorrenti. Jigi rilevat ukoll li l-audited accounts tal-Korporazzjoni Enemalta li juru li c-cilindri kienu proprjeta taghha kif rikjest mill-artikolu 22 tal-Att dwar l-Enemalta (Kap. 272) kienu jintbaghtu lill-Ministru responsabbli u imbaghad jitqieghdu quddiem il-Kamra tad-Deputati flimkien mal-mozzjoni biex jigu approvati l-estimi tal-Korporazzjoni Enemalta u sena wara l-ohra dawn l-estimi gew approvati. Meta l-konsumatur jinghata cilindru ma jhallasx prezz imma biss depositu, tant li fuq l-istess depositu ma jithallasx VAT. Inoltre, ic-cilindri huma "transportable pressure equipment" ai termini tat-Transportable Pressure Equipment Regulations (Avviz Legali 331 tat-2002) u hija l-kumpanija rikorrenti li ghandha f'idejha c-certifikati li jghaddu ghand is-sid tac-cilindri ai termini tat-Transportable Pressurer Equipment Regulations u hija l-kumpanija rikorrenti li ggorr ir-responsabbilta tac-cilindri imposti mill-istess Regolamenti. Il-kumpanija rikorrenti tiehu hsieb il-manutensjoni u testing tac-cilindri u konsumatur m'ghandux ic-cilindru partikolari tieghu;

5. Illi l-kumpanija intimata wkoll topera fil-qasam tal-bejgh ta' gass LPG, u ghandha f'idejha numru ta' cilindri proprjeta tal-kumpanija rikorrenti li l-kumpanija intimata gabret minghand il-konsumaturi, minghajr il-permess tal-kumpanija rikorrenti, u dan bi ksur tad-drittijiet proprjetarji tal-istess kumpanija rikorrenti;

6. Illi l-kumpanija intimata li tikkompeti fis-suq mal-kumpanija intimata ghandha fil-pussess u l-kontroll taghha numru kbir ta' cilindri bl-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi tal-kumpanija rikorrenti jew li taghhom il-kumpanija rikorrenti ghandha uzu esklussiv u li huma "transportable pressure equipment" u li taghhom hija responsabbli l-kumpanija rikorrenti;

7. Illi jirrizulta lill-kumpanija rikorrenti illi l-kumpanija intimata tuza cilindri li juru sinjali ta' brix (grinding), possibilment biex jitnehhu s-sinjali u l-marki ta' xi ditta ohra, bir-rizulat li qeghda titnaqqas il-hxuna tac-cilindri, haga perikoluza ghal min juza l-istess cilindri, li tista' twassal ghal incidenti serji, ghal-liema incidenti tibqa' responsabbli l-kumpanija li taghha jkunu hemm is-sinjali u l-marki fuq dawk ic-cilindri;

8. Illi inoltre jidher ukoll li l-kumpanija intimata qieghda taghmel ukoll uzu minn cilindri bl-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi ta' kumpaniji ohrajn fin-negozju tal-gass;

9. Illi l-kumpanija rikorrenti sofriet u qieghda ssofri danni b'konsegwenza tal-agir tal-kumpanija intimata sew minhabba li qed tigi deprivata mill-uzu tac-cilindri taghha kif ukoll minhabba l-valur tac-cilindri li ghandha fil-pussess taghha l-kumpanija intimata, u kif ukoll ghaliex l-istokk ta' cilindri tal-kumpanija rikorrenti qieghed kull ma jmur dejjem jonqos;

10. Illi, inoltre, f'kaz li l-kumpanija intimata tuza c-cilindri proprjeta tal-kumpanija rikorrenti, u din hija preokkupazzjoni reali kif jirrizulta mill-modus operandi tal-kumpanija intimata, kif spjegat aktar il-fuq, il-kumpanija rikorrenti tista' ssofri danni ingenti kbar minhabba li hija tista' tinstab responsabbli ghal xi incident jew anke ilment li jirrigwarda cilindru li ghandu xi isem u/jew markju u/jew sinjal distintiv taghha;

11. Illi nonostante l-protest gudizzjarju tas-7 ta' Jannar 2011 (Numru 11/11), il-kumpanija intimata baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-kumpanija rikorrenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni ohra:

1. Tordna lill-kumpanija intimata biex tieqaf minnufih milli tigbor ic-cilindri tal-kumpanija rikorrenti minghand terzi minghajr il-kunsens tal-kumpanija rikorrenti;

2. Tordna lill-kumpanija intimata biex fi zmien qasir u perentorju tirritorna c-cilindri kollha li huma proprjeta tal-kumpanija rikorrenti, u li qeghdin fil-pussess tal-kumpanija intimata;

3. Tiddikjara li b'konsegwenza tal-agir tal-kumpanija intimata kif hawn fuq spjegat, l-istess kumpanija rikorrenti sofriet u ghadha qed issofri danni;

4. Tiddikjara li l-kumpanija rikorrenti hija responsabbli ghal dawn id-danni;

5. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-kumpanija rikorrenti sad-data tas-sentenza, okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

6. Tikkundanna lill-kumpanija intimata thallas lill-kumpanija rikorrenti d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tas-7 ta' Jannar 2011 u tal-mandat ta' inibizzjoni tal-21 ta' Jannar 2011 kontra l-kumpanija intimata li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta Easygas Malta Limited li tghid hekk:

1) Illi preliminarjament, is-socjeta esponenti mhijiex il-legittimu kuntradittur stante illi m'ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjeta rikorrenti. Huwa se mai l-konsumatur li jidhol f'relazzjoni guridika mas-socjeta rikorrenti meta jixtri mhux biss il-gass LPG izda wkoll ic-cilindri tal-gass;

2) Illi fil-mertu, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

3) Illi l-allegazzjoni tas-socjeta rikorrenti li c-cilindri tal-gass li kienu proprjeta tal-Korporazzjoni Enemalta huma proprjeta taghha hija bbazata fuq ftehim datat it-28 ta' Novembru 2008, liema ftehim mhuwiex ezebit. Kienu gew biss ezebiti estratti ta' dan il-ftehim flimkien mar-rikors ghall-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 92/2011, liema estratti bl-

ebda mod ma juru li c-cilindri tal-gass imsemmija fl-istess ftehim huma proprjeta tas-socjeta rikorrenti;

4) Illi inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fejn jidhlu oggetti mobbli, il-prezunzjoni hija dejjem li kull persuna tipposjedi ghaliha nfisha u b'titolu ta' proprjeta, meta ma jigix ippruvat li bdiet tippossjedi f'isem ta' persuna ohra (artikolu 525 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

5) Illi s-socjeta rikorrenti trid tipprova l-allegazzjoni taghha li meta taghti c-cilindri tal-gass lill-konsumatur, tkun qed tbiegh biss il-gass u mhux ukoll ic-cilindri;

6) Illi ghaldaqstant, ic-cilindri in kwistjoni ma jkunux fil-pussess tas-socjeta rikorrenti izda fil-pussess tal-konsumaturi, u m'hemm xejn li juri li meta l-konsumatur jinghata cilindru tal-gass LPG, dan ma jkunx qed jixtrih. Anzi, l-artikolu 6(1)(a) tal-L.S. 423.31 (Regolamenti Dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt) jirreferi ghall-"bejgh bl-imnut ta' cilindri li jingarru mimlija bil-GPL inkluz il-bejgh bl-imnut minn post fiss ta' bejgh," [enfasi mizjuda] u dan jindika li meta jinbiegh il-gass LPG, ikunu qed jinbieghu wkoll ic-cilindri li jgorru l-istess gass;

7) Illi d-depositu li jithallas mill-konsumatur meta dan jinghata cilindru ma jimponi ebda obbligu fuq il-konsumatur sabiex jirritorna c-cilindru izda semplicement jaghtih dritt biex jiehu l-flus lura jekk jiddeciedi li jirritorna c-cilindru;

8) Illi inoltre, is-socjeta esponenti tinghata l-pussess tac-cilindri tal-gass minghand il-konsumatur u ma tmurx hi stess titlob l-istess cilindri minghand il-konsumatur;

9) Illi inoltre, it-"Transportable Pressure Equipment Regulations (Avviz Legali 331 tat-2002)" li ghalihom tirreferi s-socjeta rikorrenti, ma jaghtux drittijiet ta' proprjeta fuq ic-cilindri tal-gass lis-socjeta rikorrenti;

10) Illi ghaldaqstant, ic-cilindri tal-gass in kwistjoni mhumiex proprjeta tas-socjeta rikorrenti stante illi mhumiex fil-pussess taghha;

11) Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tas-socjeta rikorrenti li sofriet u qieghda ssofri danni b'konsegwenza tal-agir tas-socjeta esponenti, din hija infondata stante illi s-socjeta rikorrenti mhijiex qed tigi deprivata mill-uzu tac-cilindri taghha peress illi m'hemm l-ebda obbligu fuq il-pussessur tac-cilindri tal-gass li jirritorna l-istess cilindri lis-socjeta rikorrenti;

12) Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tas-socjeta rikorrenti li tista' ssofri danni minhabba li hija tista' tinsab responsabbli ghal xi incident jew ilment li jirrigwarda cilindru li ghandi xi isem jew marka jew sinjal distintiv taghha, din hija wkoll infondata stante illi hija semplicement sitwazzjoni ipotetika;

13) Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;

14) Salv eccezzjonijiet uiterjuri.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju tas-7 ta' Jannar 2011 u tal-Mandat ta' lnibizzjoni Numru 92/2011 kontra s-socjeta rikorrenti li r-rapprezentanti taghha qed jigu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kjamata fil-kawza Koperazzjoni Enemalta li tghid hekk:

DIKJARAZZJONI TAL-FATTI
1. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu attrici ma humiex kontestati;

2. Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ghandu jigi pprecizat li l-kumpanija Enemalta tat effett lill-privatizzazzjoni tal-Gas Division b'diversi kuntratti tat-28 ta' Novembru 2008 li jinkludu "Agreement between Enemalta Corporation and Liquigas Malta Limited in respect of the LPG Distribution and Supply Business." F'dan il-ftehim jinghad li l-bejgh jikkomprendi l-LPG cylinders (artikolu 3.1.2) li sa dakinhar kienu jappartjenu lill-Korporazzjoni u li huma deskritti hekk: "all the gas cylinders / bottles bearing the ENEMALTA logo or name, used for the sale of LPG in the business whether in ENEMALTA's possession or in circulation, save for the LPG cylinders acquired by ENEMALTA in virtue of the Evas Tender";

3. Illi l-fatti dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati;

4. IIli l-fatti dikjarati fir-raba paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati;

5. Illi dwar il-fatti dikjarati fil-hames, sitt, seba' u tmien paragrafi tad-dikjarazzjoni attrici l-esponenti jirriservaw li jikkummentaw fi stadju iehor billi ma humiex edotti mil-fatti rilevanti;

6. Illi dwar il-fatti dikjarati fid-disa' paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici l-esponenti tirriserva li tikkummenta;

7. IIli l-fatti dikjarati fl-ghaxar paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici hija preokkupazzjoni tal-istess attrici u ghalhekk ma hijiex sejra tikkummenta dwarha;

8. IIli dwar il-fatti dikjarati fil-hdax il-paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici l-esponenti tghid li l-protest in kwistjoni ma jirrigwardahiex

ECCEZZJONIJIET
1. Fl-ewwel lok tecepixxi li l-Korporazzjoni Enemalta hi ghal kollox estraneja ghall-vertenza bejn il-partijiet u ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju anke ghaliex it-talbiet ma humiex diretti kontriha. Illi wara li d-divizjoni tal-gas giet privatizzata il-Korporazzjoni Enemalta ma zammet ebda interess fis-suq tal-LPG f’Malta hlief li baqghet timla c-cilindri tal-kumpanija attrici skond ftehim kummercjali ad hoc.

2. Fit-tieni lok u fi kwalsiasi kaz jirrilevaw li ghalkemm il-Korporazzjoni Enemalta kellha titolu li jiswa ghall-assi taghha (li jinkludu c-cilindri) u ghaddiet dan it-titolu validament lill-attrici, l-istess Korporazzjoni qatt ma setghet tiggarantixxi r-ritorn tac-cilindri minghand il-konsumaturi hlief bl-imposizzjoni ta' return deposit liema deposit

kien jingabar minghand il-konsumatur u ghal liema deposit l-attrici assumiet ir-responsabbilta kontrattwali.

3. Fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost li ma kkawzat ebda dannu lill-attrici u ghalhekk ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati.

4. Illi l-pretensjonijiet tal-partijiet in kwantu diretti kontra l-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-eccipjenti ghandha ghaldaqstant tigi liberata minnhom bl-ispejjez kontra l-partijiet jew min minnhom.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

**L-Akkwist tac-cilindri minghand l-Enemalta**

Paul Agius Delicata, Chief Operations Officer mal-kumpanija attrici, xehed illi meta kienu ghamlu l-offerta biex jixtru d-divizjoni tal-gass tal-Enemalta, l-RFP (Dok AD1) kien jitlob illi l-offerenti prospettivi jissottomettu offerta ghal "the transfer of the cylinders owned by Enemalta" (ara pagna 14) li kien jinkludi wkoll a considerable stock of circa 550,000 cyilinders in circulation" (pagna 15). Ghalhekk kien dejjem car li l-proprjetarja tac-cilindri kollha kienet l-Enemalta u li imbaghad dawn ic-cilindri gew trasferiti lil Liquigas Dok. AD2. Skont il-klawzola 4.2.2, il-"liability" giet trasferita lil Liquigas biex id-debitu tad-depositi li kienu hallsu l-konsumatur tkun rifondibbli. Ghalhekk ma kienx kaz ta' prezz ghal bejgh tac-cilindri. Ma' dan il-ftehim kien hemm annessi l-balance sheet notes tal-Enemalta ta' Lulju 2008 li kienu juru li Liquigas xtrat ic-cilindri li kien hemm l-Qajjenza u fis-suq.

**Certifikat/Proprjeta tac-cilindri**

Ic-cilindri tal-LPG huma regolati mit-Transportable Pressure Equipment Directive (TPED) u skond din id-direttiva, kull cilindru ghandu jkun numerat individwalment ghal skop ta' identifikazzjoni. Skond din id-direttiva huma, bhala sidien tac-cilindri,

kellhom jaghmlu retesting tac-cilindri kull tant zmien, jiehdu hsieb li kull cilindru jkollu l-marki kif mitluba mill-istess direttiva u jzommu c-certifikazzjoni li kull cilindru ghandu jkollu. Meta huma hadu in-negozju minghand l-Enemalta, dawn ic-certifikati ghaddew ghand il-Liquigas bhala s-sid il-gdid tac-cilindri. Dawn ic-certifikati baqghu ghandhom u qatt ma ghaddew ghand il-konsumatur (ara Dok. AD3 sa AD9). Dan jigri wkoll meta Liquigas tordna cilindri godda billi kull cilindru gdid ikollu certifikat li jindika lii Liquigas hija s-sid tac-cilindru. Dawn huma rekwiziti stipulati fid-Direttiva biex tigi zgurata s-sigurta meta wiehed ikun qed jittratta ma' pressure equipment uzat ghat-trasport ta' prodott fjammabbli bhal ma huma c-cilindri tal-gass u biex tigi individwata r-responsabilita' tas-sid tac-cilindri.

**Identifikazzjoni tal-proprjeta permezz tal-kulur**

Ic-cilindri tal-Enemalta kellhom il-kulur kanella imbaghad il-kulur isfar biex jindika l-proprjeta' tac-cilindri (Dok. AD10 "the yellow colour of the gas cylinders has been chosen solely to indicate that the cylinders are the property of Enemalta Corporation"). Liquigas iddecidiet li tuza l-"Liquigas green" bhala l-kulur tal-"brand" taghha u c-cilindri l-godda li xtrat. Ghalhekk ic-cilindri kollha kannella, sofor u Liquigas green, li kollha ghandhom il-marka jew timbru tal-Enemalta u/jew ta' Liquigas u li taghhom Liquigas ghandha c-certifikati, huma proprjeta' tal-Liquigas. L-identifikazzjoni tac-cilindri ghalhekk issir permezz tal-kulur tac-cilindri, in-numru ta' identifikazzjoni u l-isem tas-sid immarkat fuq ic-cilindri.

**Depozitu rifondibbli ghal "new services"**

Meta klijent jitlob "new service", Liquigas tghaddilu cilindru mimli wara li l-klijent ihallas depositu. Id-depositu ma jithallasx VAT fuqu la darba m'hemmx bejgh tac-cilindru. Id-depositu jigi mghoddi lura lill-kijent meta l-klijent jiddeciedi li jirritorna c-cilindru l-vojt minghajr ma jiehu iehor mimli minfloku. Jekk kljent ikollu xi diffikulta b'xi cilindru hu icempel biex huma jiehdu hsieb u jirrangawlu.

**Obbligi imposti fuq is-sid tac-cilindri**

Il-Malta Resourses Authority tirrikonoxxi l-fornituri awtorizzati li jpoggu cilindri fis-suq, bhala s-sidien tac-cilindri billi tirrikjedi li huma jkollhom “on call emergency service"

biex jittrattaw l-emergenzi kollha li jistghu jinqalghu fic-cilindri waqt li jkunu fil-pussess tal-konsumaturi.

Il-konvenuti minflok dahlu fis-suq billi hargu c-cilindri taghhom, talbu lill-klijenti ghac-cilindru vojt tal-Liquigas bhala depozitu ghac-cilindru taghhom, u c-cilindri ta' Liquigas qatt ma gew ritornati. Il-konvenuti anke talbuhom ihallsu lura d-depositu ta' €5 (Dok. AD11) u ghalhekk, qed jirrikonoxxu li dawk ic-cilindri huma ta' Liquigas. Easygas tqis lilha nnifisha bhala sid ic-cilindri taghha tant li ghandhom kulur distintiv griz, u gew immarkati bi pjanca tal-landa li pero ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-TPED.

Fuq kontroezami xehed li meta saret il-privatisation l-izjed parti sostanzjali ma kinitx il-kwistjoni tac-cilindri, imma l-fatt li kien ser jinghalaq il-Qajjenza u jinbena progett gdid li jiswa 20 miljun. Kien hemm it-transfer of operations minghand l-Enemalta ghal min jirbah ii-concession, li jirrikjedi imbaghad id-distribution li jinvolvi c-cilindri. Kien hemm l-agreement tan-1992 mad-distributuri. Ic-cilindri kienu tal-Enemalta. Skond l-art. 3 id-distributuri jixtru l-gas u d-distributuri kellhom jirritornaw ic-cilindri l-vojta lii Enemalta.

Stephen Muscat, Chief Financial Officer mal-kumpanija attrici, xehed li c-cilindri kollha nxtraw jew minghand l-Enemalta jew direttament minghand fornituri ta' cilindri. Dawn ghandhom certifikat abbonat maghhom. L-ownership ta' dawn ic-cilindri hija msemmija fl-Annual Reports tal-Korporazzjoni Enemalta (Dok. SM1 fol. 30) fil-Parlament (Mistoqsija Parlamentari PQ 4588 3/12/2008 Dok. SM 2). Dawn gew verifikati permezz tal-audited financial statements tal-Korporazzjoni Enemalta (ara fixed assets fol. 31 Dok. SM3). Jidhru wkoll fil-audited financial statements ta' Liquigas bhala fixed assets (Dok. SM4 a fol. 14). Id-depoziti rifondibbli li kienet irceviet l-Enemalta ghaddew ghand Liquigas bhala passiv (liability) kif jidher mill-financial statements annwali ta' Liquigas. L-ammont medju kienet ta' €5 ghal kull cilindru li jigi ritornat.

Fuq kontro-ezami wiegeb li c-certifikati tac-cilindri qeghdin fl-ufficcju taghhom. L-awdituri ikkonfermaw li huma xtraw dawn ic-cilindri (Dok. a fol. 155 CM1). As from 1st February 2009 Liquigas Malta Ltd has taken over the entire ownership of all gas cylinders. Fil-Parliamentary Question PQ 4588 fol. 176 hemm li l-Korporazzjoni

Enemalta ghandha madwar 580,000 cilindri ta' diversi daqsijiet. L-Enemalta m'ghandhiex 1.3 million cilindri, imma meta tissemma dika l-figura ifisser li l-istess cilindru jkun qed idur aktar minn darba. Il-metragg tal-gas jinbiegh f'cilindri li jduru. Kieku cilindru ma kienx fixed assests u jigi traded, isir current asset. Meta cilindru jinghata lill-konsumatur u ma jigix ritomat, dana jibqa ghandhom bhala fixed asset ghax jista' jirritornh u jitlob ii-flus li hallas bhala deposit. Il-konsumatur ma jkunx hallas tac-cilindru imma jkun hallas deposit fuq ic-cilindru. Hu ihallas refundable deposit ghal uzu ta' dak ic-cilindru. Il-business tal-Enemalta inxtara a bazi tal-volum tal-bejgh ta' gas u mhux fuq l-assi. Huma kellhom idea li c-cilindri li kien hemm kien bizzejjed ghas-suq billi kienu jafu li dawn iduru aktar minn darba. Il-prezz li hallset Liqugas kien jinkludi l-volum tal-business u l-liability li baqalha. Minn jixtri l-gas jista ma jirritomax ic-cilindru u jiddisponi minnu mod iehor. L-importanti li dak ic-cilindru jerga’ jigi ghandhom biex jimtela u retested wara certu zmien.

Roberto Capelluto xehed li hu vici president ta' Liquigas Spa u CEO ta' Liquigas, Malta. Kienu ghamlu joint venture ma' xi Maltin u rebhu t-tender ghad-distribuzzjoni tal-gas tal-Enemalta f'Malta. Bhala parti minn negozju huma xtraw ic-cilindri tal-gass flimkien mal-liability li jirrifondu d-depoziti li jkun dovuti lill-konsumaturi. Hu kkonferma l-ftehim li sar mal-Enemalta li jinsab ezibit a fol. 110 et seq. tal-process. Fl-klawzola 3.1.2. hemm spjegat kif issir id-distribuzzjoni tac-cilindri. Dan isir jew direttament mis-supplier jew tramite id-distributuri. L-Enemalta kienet tuza s-sistema tad-distributuri u huma hadu over din is-sistema. Meta konsumatur jitlob ghal servizz gdid huma ma jbieghux ic-cilindru imma jitolbu deposit fuqu. Ic-cilindru huwa propjeta tal-kumpanija u huma responsabbili ghalihom. Ghandhom emergency service 24/7. lsejjah is-sistema taghhom bhala 'commodato gratuito' u jinvolvi process ta' recycling. Id-depozitu jibqa' validu anke wara hafna snin. Ma jithallas ebda VAT mad-depozitu ghax ma jsirx bejgh ta' cilindri.

Illi fil-kotba tal-Enemalta u taghhom, ic-cilindri jidhru bhala assets, mentri d-deposits jidhru bhala liabilities u mhux revenue. Meta huma jixtru c-cilindri minghand il-manufattur huma jircievu c-certifkat li jkun fih id-dettalji kollha u minn hemm il-quddiem huma jidhlu responsabbili ghal dak li jigri mic-cilindru. Fuq ic-cilindru jkun hemm l-isem tas-sid lil min jappartjeni c-cilindru. is-serial number u l-kulur biex

jidentifikaw is-sid. Hemm ukoll regolamenti internazzjonali u tal-EU specifici fir-rigward tat-trasport ta' pressure equipment.

Il-problema li nqalghet hija li xi konsumaturi qed jibdlu cilindri ta' Liquigas ma' tal-Easygas u mhux qed jigu ritornati ghandhom. Talbu biex jigu ritornati, izda gew mitlubin biex ihallsu ghalihom imma huma ma jistghux ihallsu darbtejn ghal istess cilindru. Kienu iltaqghu mal-intimati biex jorganizzaw sistema ta' bdil ta' cilindri izda ma waslux. M'hemmx kwistjoni dwar minn hu is-sid tac-cilindri u dana ikkonfermah Mr. Rizzo tal-Easygas. Li gara kien li Easygas bdiet tigbor ic-cilindri ta' Liquigas minghand il-konsumaturi izda huma ma ghamlux l-istess, ghalhekk gara li Easygas ghanda numru ta' cilindri taghhom. Id-distributur jixtri kwantita u kwalita ta' cilindri li jrid minghand Liquigas imbaghad imur jbiegh huwa. Hu jghaddi c-cilindru lill-konsumatur biex juza l-gas li jkun fih imbaghad jirritoma l-vojt ghand Liquigas. Ma hemm ebda limitu ta' zmien kemm jista' konsumatur izomm ic-cilindru ghandu imma minhabba safety hu fl-interess tieghu li jirritornah u fl-istess hin jekk jirritornah jista jiehu lura d-deposit. Jekk jibqa' ghandu vojt ma jkunx hemm perikolu. Hu pprezenta zewg ricevuti RC1 u RC2 ta'depoziti mhallsa minn persuni li akkwistaw cilindri.

In kontro-ezami xehed li d-distributuri huma self-employed u mhux impjegati ma' Liquigas. Hemm kuntratt bejn Liquigas u dawn id-distributuri li huma kienu wirtu. Huma ma jbieghux ic-cilindri lid-distributuri. Huma jaghtu ricevuta, ghalkemm il-konsumatur ma jiffirmax fuqha. Id-depozitu jirrapprezenta parti mill-cost tac-cilindru.

Ray Ferris, Chief Project Officer Enemalta, xehed li kien innegozja l-privatizazzjoni tan-negozju tal-gas u sar l-ftehim a fol. 110. Fl-art. 3.1.2. ic-cilindri u l-intellectual property rights kienu tal-Enemalta u kienu mmarkati l-antik bil-kanella u l-aktar recent bl-isfar. Meta dawn gew trasferiti lil Liquigas kien hemm 550,000 li hafna minnhom kienu ghand il-konsumaturi. Ghal kull cilindru ikollhom certifikat u dawn ghaddew ghand Liquigas minghand Enemalta. Meta tordna new service, jaghtuk cilindru, thallas depozitu ta' Lm5 fuqu, imbaghad thallas tal-gas. Meta tuza il-gas, ic-cilindru jigi ritomat u riciklat. Bid-depoziti huma jkollhom cash flow biex jordnaw il-godda u jaghmlu maintenance. Ic-cilindru dejjem baqa' proprjeta tal-Enemalta u ma jbieghux lill-konsumatur. Meta jinghata new service timtela formola a fol 261 Dok. RC1. Vat ma jithallasx fuq dana s-servizz. Meta jkun hemm ilmenti fuq ic-cilindru l-Enemalta

tiehu hsieb hi u ma jsirx hlas. Dawn ic-cilindri kienu jidhru fl-accounts taghhom bhala fixed assets sakemm gew trasferiti lil Liquigas (ara Dok. RF2). Anke il-liability ghad-depoziti ghaddiet ghand Liquigas. Id-Dok. RCI hija ricevuta mahruga mill-Enemalta lill-konsumatur li jkun qed jiehu l-first service. Ma fissirx pero li hemm bejgh ta' cilindru imma li ser jiehu servizz tal-gas. Fuq dan id-dokument il-konsumatur ma jiffirmax. Huma kkalkolaw kemm ghandhom stock barra, mic-certifikati. S'issa ghadhom ma ghaddewx ic-certifikati kollha. Huma xtraw il-kwantita indikata ta' cilindri, imma jekk ghadhomx kollha fis-suq jew in cirkolazzjoni, hija haga ohra.

Michael Mallia, Direttur tal-Liquigas, xehed li numru ta' cilindri taghhom ittiehdu minn Easygas fuq il-pretiza li dawn ic-cilindri mhumiex ta' Liquigas imma proprjeta tal-konsumatur. Kienet dahlitilhom informazzjoni li xi cilindri minn taghhom kien spiccaw l-Italia. Kienu qabbdu investigatur privat li rahom f'stabbiliment u hadilhom ritratti u baghtomlhom (Dok. MM1 sa MM3 a fol. 400 et seq.). Il-Pulizija Taljana kien qabdu dawn ic-cilindri. Kienet saret kwerela lil Carabinieri (Dok. MM4 a fol. 391) fuq dawn ic-cilindri. Claudio Strezza, sid l-istabiliment, fl-istatement tieghu qal li kien ser jaghmel xoghol fuqhom ta' subiatura nello specifico sverginare del intera bombola. Hu ma qalx li c-cilindri kienu hemm biss ghal storage kif sostnew il-konvenuti (ara Dok. Lm3 a fol. 484) Strezza kellu jaghmel sandblasting, titnehha z-zebgha safra kollha u wara jinzebghu bil-kulur griz tal-Easygas u jitwahhal metal plate bil-kliem Easygas. Strezza ma qalx li kien hassar in-numru tac-cilindri ghax kieku qal hekk kien ikun mar kontra x-xoghol ta' testing li huma jaghmel fl-istabiliment tieghu. Kien hemm xi 1,400 cilindru tal-gas tal-istabiliment li imbaghad baghtulhom lura l-pulizija. L-inginier Paul Cardona, li kienu qabbdu, sab li taht il-plate li wahhlu l-Easygas kien hemm in-numru tac-cilindri ta' Liquigas li gew grinded off. (ara fol. 507-508) Trezza kien ghadda lil Carabinieri t-transport documents li kellu minghand Easygas. Easygas kienu ghamlu talba ghal retesting fl-20 ta' April 2011 ghal madwar 40,000 cilindru u talba ohra ghal retesting u arrangement ghal 738 f’Awwissu 2011. Il-Qorti Taljana talbuhom prova li c-cilindri kienu taghhom qabel jaghtuhomlhom, u huma uruhom l-kuntratt bejn Enemalta u Liquigas u li huma kienu hallsu ghac-cilindri li kienu qed jitolbu lura.

Simon Flynn, awditur ma' Price Waterhouse Coopers, xehed dwar l-accounts tat-2007 li kien iffirma fit-2009 (fol. 4). F'pagna 24 (raba kolonna, l-ahhar linja) hemm l-

assi fissi tal-Korporazzjoni fosthom ic-cilindri u apparat iehor relatat mal-gas division. Ma hemm specifikat kemm cilindri u kemm apparat.

Aaron Camilleri, distributur tal-gas mal-atturi, xehed Ii hu jixtri I-gas minghand iz-zewg kumpaniji. Hu ihallas lill-kumpanija I-kontenut tal-gas u fl-istess prezz ikun hemm ii-commission tieghu. Il-kumpanija taghtih stock cilindri biex jahdem bihom u jaghtihom il-vojt. Min jkun irid new service, hu jaghtih cilindru u jzommlu €25 bhala depozitu.

Fernando Cremona, distributur tal-gas, xehed Ii hu ghandu kuntratt mal-Enemalta tal-1992 u ghandu area fejn jista' jqassam ii-gas. Hu jixtri ic-cilindru minghajr commission imbaghad jbieghu bil-commission, cioe I-qliegh tieghu. Il-prezz kemm ibieghu hu regolat mill-MRA. Meta ikun hemm new service hu jigbor €25 u jghaddihom lill-kumpanija. Hu jaghti ricevuta ghas servizz gdid u fl-ahhar tax-xahar isir rendikont ta' kemm hareg ricevuti u jhallas Iii kumpanija. Meta jigi biex jirritorna c-cilindri hu ma jaghmilx differenza ta' liema kumpanija huma, hu jiskwerja bic-cilindri. Ir-rendikont huwa jaghlqu maz-zewg kumpaniji ghax jekk jirritoma Iura c-cilindri Iil kumpanija wahda, irid ihallas €25 fuq kull cilindru Ii ma jkunx rritorna lil kumpanija I-ohra.

Dr. Noel Buttigieg Scicluna xehed li kien segretarju tal-Bord tad-Diretturi tal-Enemalta mit-2008 sal 2013.

William Spiteri Bailey xehed Ii kien direttur tl-Enemalta bejn it-2008 u 2010, Acting Chairman fil-2011 u Deputy Chairman mill-2010 sa April 2013. Il-posizzjoni tieghu kienet non-executive. Id-decizjonijiet kienu jiehduhom ic-chairman u c-CEO. Meta inbiegh ii-gas division dan inbiegh bl-operation kollha b'dak kollu Ii kien hemm.

Alex Tranter xehed li kien non-executive Chairman tal-Enemalta bejn 2005 u 2010. Kien hemm Chairman tal-Bord, deputy chairman u I-membri tal-Bord. Il-Gvern kien iddecieda Ii johrog koncessjoni tal-operat tal-gas division u tqabbad il-privitsation unit biex jinnegozja mal-bidders. Imbaghad meta tlesta I-qafas, gie presentat lill-Bord ghad-diskussjoni, imbaghad kien hemm I-approvazzjoni tal-Gvern u gie ffirmat il-kuntratt. Il-privatisation unit kienet tidhol fid-dettalji bhal prezz. L-informazzjoni dwar

il-koncessjoni tinghata mill-Enemalta. L-idea kienet li l-operat li kienet taghmel l-Enemalta fil-qasam tal-Gas Division jiehdu over bidder privat.

Dr. Emanuel Ellul, head tal-Privatisation Unit, xehed li kienu ghamlu l-privitisation tal-gas tal-Enemalta u l-ftehim sar f'Novembru 2009. Kellhom il-Mimcol bhala advisors. Kienu jiddiljaw ma' Ray Ferris li kien il-manager li jmexxi l-impjant tal-gas u c-chief executive tal-Enemalta, li tbiddel xi erbgha jew hames darbiet. Kienet saret invitation to tender imbaghad sar kuntratt ghal rasu li gie prezentat fil-Parlament. Fil-fatt sar aktar minn kuntratt wiehed: il-kuntratt notarili fejn inghatat bicca art biex jinbena l-impjant u kuntratt ta' distribuzzjoni.

Vincent Mifsud, Kap Esekuttiv tal-MIMCOL, xehed li ma kienx involut fil-privitisation tal-gas division tal-Enemalta u d-dokumenti li ra ma kellux x'jaqsam maghhom. Id-dokumentazzjoni li hemm hija aktar voluminuza minn dik li sab jew li ra. Dwar delivery ta' cilindri jghid li huwa ma kienx involut fil-process u lanqas kien jahdem hemm f'dak il-perjodu. Ma jafx x'kienet is-sistema tal-hlas tad-deposit ghand l-Enemalta (ara Dok. a fol. 1174 et seq.).

Pippo Pandolfino xehed li kien CEO mal-Enemalta minn Frar 2004 sa Marzu 2009 meta kienet qed issir il-privitazzjoni tal-gas division. Kien ikollu meetings mal-MIMCOL jew Mario Mizzi jew xi nies li jahdmu tahtu. Fuq il-biegh tal-gas kien hemm VAT izda mhux fuq id-deposit fuq ic-cilindri godda billi dan kien deposit u mhux bejgh. Ighid li l-kwistjoni kienet li l-VAT fuq il-gas li tbiegh, kienet se tigbru u tiddikjarah l-Enemalta u mhux id-distributur.

Reuben Farrugia, Direttur ta' Easygas Malta Limited, xehed li fil-2010 beda ma' xi Maltin ohra u taljani fis-suq tal-gas f'Malta. Kien gab il-permess biex jimpurtaw cilindri u jbieghuhom Malta u jimpurtaw il-gas u jbieghuh sfuz. Huma kien jimpurtaw cilindri mimlijin u jqassmuhom permezz tat-30 distributur ezistenti. Huma jaghtu c-cilindru u l-konsumatur jaghtihom lura c-cilindru, jkun liema kulur ikun, billi l-valves tac-cilindri huma kollha l-istess. Liquigas m'ghandha xejn x'izommha milli timla c-cilindri grizi meta jigu ghandha pero ma jafx x'qed jaghmlu. Id-distributri jghabbu cilindri minghand it-tnejn u n-numru li jiehdu, fl-ahhar tax-xahar iridu jirritornawhom u jekk ma jirritornax in-numru konsenjat, iridu jhallsu €25 fuq kull wiehed nieqes. Huma jridu

jirritornaw in-numru li hadu indipendentement mill-kulur. Meta jbieghu servizz gdid, huma izommu €18.30 ghal gas u €25 bhala deposit. Huma ghandhom kulur partikolari taghhom tac-cilindru li ghazlu li hu griz. Hemm legal notice li jrid ikun l-isem fuq ic-cilindru. Ic-cilindri ghandhom serial number u ghandhom ricevuti tac-cilindri. Liquigas ghandha cilindri minn taghha li jaghtuhomla d-distributuri. Gara izda li jekk d-distributur jaghti z-zejjed lil Liqugas dawn jaghtuh biss €5 imbaghad Liquigas tbieghu €25. Meta jigi d-distributur ghandhom b'100 nieqsa huma jkollhom jhallsu bil-€25.

**Danni**

Is-socjeta attrici pprezentat Dok. P2 a fol. 824 li huwa prospett tad-danni sofferti mis-socjeta attrici flimkien ma' numru ta' dokumenti in sostenn tal-istess prospett (ara fol. 824). L-atturi qed jippretendu s-somma ta' €101,250 biex jixtru cilindri godda biex jissostitwixxi dawk li ma gewx ritomati lilhom; €50,625 bhala financial costs for anticipated purchases of cylinders; €21,840 spejjez biex gabu c-cilindri lura minn Napli fejn kienet baghtitlhom l-konvenuta u €405,000 ghac-cilindri li gew mohbija, mibruxa u mizbugha mill-gdid u li ma jistghux jintuzaw, ghax nehhewlom is-serial number.

**Talba**

Illi s-socjeta Liquigas fethet dina l-kawza biex is-socjeta' Easygas tieqaf tigbor ic-cilindri tal-gass minghand terzi minghajr il-kunsens taghha billi qed jigi allegat li dawn ic-cilindri huma proprjeta taghha. Liquigas qed titlob ukoll id-danni.

**Eccezzjonijiet Korporazzjoni Enemalta**

Il-Korporazzjoni Enemalta eccepiet li hija ghal kollox estraneja ghall-vertenza bejn il-partijiet u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju anke ghaliex it-talbiet ma humiex diretti kontriha imma kontra l-konvenuta l-ohra Easygas.

Illi jirrizulta mill-provi li wara d-divizjoni tal-gass giet privatizzata, il-Korporazzjoni Enemalta ghaddiet l-operat ta' din d-divizjoni lis-socjeta attrici hlief li hi baqghet timla c-cilindri tal-kumpanija attrici skond ftehim kummercjali li sar. Inoltre l-Korporazzjoni

ma ggarantietx r-ritorn tac-cilindri minghand il-konsumaturi hlief li depoziti setghu jingabru mill-konsumatur u s-socjeta' attrici assumiet ir-responsabbilta kontrattwali ghalihom.

Illi ghalhekk il-Korporazzjoni Enemalta ghandha ragun tghid li hija estraneja ghall-vertenza li inqalghet bejn is-socjeta attrici u s-socjeta konvenuta l-ohra Easygas u l-eccezzjoni taghha qed tigi milqugha.

**Legittimu kontradittur**

Is-socjeta konvenuta Easygas eccepiet preliminarjament li huma mhijiex il-legittimu kuntradittur stante illi ma ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjeta attrici. Huwa se mai il-konsumatur li jidhol f'relazzjoni guridika mas-socjeta attrici meta jixtri mhux biss il-gass LPG izda wkoll ic-cilindri tal-gass.

Illi huwa risaput illi min jeccepixxi li mhux il-legittimu kuntradittur jehtieglu jiddemostra, u wkoll jiddizimpenja ruhu bi provi adegwati, illi hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza. Sabiex jigi stabbilit jekk persuna hijiex jew le l-legittimu kontradittur ta' parti f'kawza, jehtieg li fl-ewwel lok jigi stabbilit fuq bazi ta' prima facie jekk il-persuna li giet imharrka kienetx materjaiment involuta f'dak li minnu qeghda tilmenta l-attrici, cjoe jekk bl-agir tieghu holoqx relazzjoni guridika li minnha twieidet l-azzjoni fit-termini kif gew proposti mill-attrici (**Grace Sacco vs Supretendent Mediku fl-Isptar Generali ta' Ghawdex et**, 16/10/2007).

Illi fil-kaz in ezami t-talba tas-socjeta attrici hija biex Easygas tieqaf tigbor ic-cilindri tal-gass minghand terzi billi dawk ic-cilindri huma proprjeta taghha. Illi l-allegazzjonijiet li saru huma kollha diretti fil-konfront tas-socjeta konvenuta li qed tigbor ic-cilindri ta' Liquigas ghax Liquigas qed tippretendi li dawn huma taghha u li Easygas qed tahzen ic-cilindri ta’ Liquigas kontra d-dritt ta’ proprjeta li Liquigas tallega li ghandha. It-talbiet mhumiex diretti lejn l-konsumaturi. Ghalhekk Easygas hija l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. L-allegazzjoni li konsumatur jixtri wkoll c-cilindri tal-gass u mhux biss il-gass LPG hija kontestata bil-qawwa mis-socjeta attrici.

**Kontestazzjoni tas-socjeta konvenuta**

Fil-mertu s-socjeta konvenuta eccepiet li s-socjeta attrici trid tipprova l-allegazzjoni taghha li c-cilindri huma proprjeta taghha u li meta jinxtraw ic-cilindri tal-gass il-konsumatur ikun qed jixtri biss il-gass u mhux ic-cilindru wkoll.

Illi s-socjeta konvenuta ssostni li c-cilindri in kwistjoni mhumiex fil-pussess tas-socjeta attrici, izda fil-pussess tal-konsumaturi u m'hemm xejn li juri li meta l-konsumatur jinghata c-cilindru tal-gass LPG, dan ma jkunx qed jixtrih ukoll. Tghid illi d-depozitu li jithallas mill-konsumatur meta jinghata c-cilindru ma jimponi ebda obbligu fuq il-konsumatur sabiex jirritorna c-cilindru izda semplicement jaghtih id-dritt li jiehu l-flus lura jekk jiddeciedi li jirritorna c-cilindru u ma jixtrix iehor.

**Kontestazzjoni tas-socjeta attrici**

Is-socjeta attrici tghid li kien hemm numru ta' cilindri taghhom li ttiehdu minn Easygas fuq il-pretiza li dawn ic-cilindri mhumiex ta' Liquigas imma proprjeta tal-konsumatur, ghalhekk huma kellhom dritt jikkumercjawhom. Tghid li l-konvenuti minflok dahlu fis-suq billi hargu c-cilindri taghhom, talbu lill-konsumaturi ghac-cilindru vojt tal-Liquigas bhala depozitu ghac-cilindru taghhom, u c-cilindri ta' Liquigas qatt ma gew ritomati. Meta huma talbu lil Easygas biex jirritornawhom, dawn talbuhom biex ihallsu ghalihom meta l-istess cilindri kienu taghhom. Easygas ghalhekk spiccat b'numru ta' cilindri ta' Liquigas ghandha u qed tippretendi li huma taghha fuq il-pretiza li dawn ic-cilindri huma tal-konsumaturi. Ghalhekk saret dina l-kawza biex jigi dikjarat li dawk ic-cilindri huma tas-socjeta attrici.

**Konsiderazzjonijiet**
**Xiri ta’ cilindri minghand Enemalta**

Illi jirrizulta mill-provi illi meta Liquigas tefghet l-offerta biex tixtri d-divizjoni tal-gas tal-Enemalta, l-RFP (Dok. AD1 a fol. 25) kien jitlob illi l-offerenti prospettivi jissottomettu offerta ghal "the transfer of the cylinders owned by Enemalta" (ara pagna 14 para. b). Dan kien jinkludi wkoll "a considerable stock of circa 550,000 cyilinders in

circulation" (pagna 15). Dawn ic-cilindri gew trasferiti minn Enemalta lil Liquigas skond ftehim bejn Enemalta Corporation u Liquigas Limited. (Dok. AD2 a fol. 110).

Illi fil-ftehim imsemmi a fol. 110, fil-klawzola 3.1.2. hemm spjegat Ii c-cilindri, kif ukoll l-Intellectual Property Rights 3.1.5 ghaddew ghand Liquigas minghand l-Enemalta bhala parti minn koncessjoni.

Skont il-klawzola 4.2.2 (ara fol. 113] giet trasferita wkoll il-"Iiability" lil Liquigas tad-debitu ghad-depositi li kienu hallsu l-konsumaturi li setghu jintalbu Iura. Id-depoziti rifondibbli, Ii kienu thallsu lill-Enemalta, ghaddew ghand Liquigas bhala passiv (liability) kif jidher mill-financial statements annwali ta' Liquigas. L-ammont medju kien ta' €5 ghal kull cilindru Ii jigi ritornat.

Mal-ftehim imsemmi kien hemm anness I-balance sheet notes taI-Enemalta ta’ Lulju 2008 li kienu juru Ii Liquigas xtrat ic-cilindri li kien hemm l-Qajjenza u fis-suq.

Illi l-proprjeta ta' dawn ic-cilindri kienet msemmija fl-Annual Reports tal-Korporazzjoni Enemalta (Dok. SM1 fol. 30 tar-rapport jew 155 tal-process) fejn jinghad Ii: "As from 1st February 2009 Liquigas Malta Limited has taken over the ownership of all gas cylinders".

Dawn gew verifikati permezz tal-audited financial statements tal-Korporazzjoni Enemalta (ara Dok. SM3) fejn ic-ciIindri jissemmew bhala fixed assets. (ara fol. 31 tar-rapport u 208 tal-process). L-accounts kienu jigu prezentati fil-Parlament minn sena ghal sena. Simon Flynn, awditur ma' Price Waterhouse Coopers, ikkonferma li c-cilindri kienu konsidrati bhala assi fissi tal-Korporazzjoni. Dawn jidhru wkoll fil-Audited Financial Statements ta' Liquigas bhala fixed assets (Dok. SM4 a fol. 234 tal-process u 14 tar-rapport).

Fil-Parlament (Mistoqsija Parlamentari 4588 3/12/2008 Dok. SM2 a fol. 176) hemm konferma Ii I-Korporazzjoni EnemaIta ghandha madwar 580,000 cilindri ta' diversi daqsijiet.

Illi kemm ic-cilindri li ghaddew ghand Liquigas minghand l-Enemalta kif ukoll dawk godda li hija kienet tixtri, kollha jkollhom certifikat li jindika lil Liquigas hija s-sid tac-cilindru. Illi skont it-Transportable Pressure Equipment Directive (TPED) (ara fol. 528 u 604) kull cilindru jrid ikun numerat individwalment ghal skop ta' identifikazzjoni u biex isir r-retesting tac-cilindri kull tant zmien.

Meta Liquigas tixtri c-cilindri minghand il-manufattur, hija tircievi c-certifkat li jkun fih id-dettalji kollha kemm dwar is-sid kif ukoll dwar ic-cilindru u minn hemm il-quddiem hija tidhol responsabbili ghal dak li jigri mic-cilindru. Fuq ic-cilindru jkun hemm l-isem tas-sid lil min jappartjeni c-cilindru, is-serial number u l-kulur li jidentifika is-sid. Hemm ukoll regolamenti internazzjonali u tal-EU specifici fir-rigward tat-trasport ta' pressure equipment li jridu jigu segwiti skond il-ligi. L-identifikazzjoni tac-cilindri ghalhekk issir permezz tal-kulur tac-cilindri, (kannella, isfar jew ahdar u fil-kaz tas-socjeta konvenuta, griz), in-numru ta' identifikazzjoni permezz ta' certifikazzjoni u l-isem tas-sid immarkat fuq ic-cilindri.

Illi Liquigas xtrat ic-cilindri minghand l-Enemalta u kien hemm fil-ftehim li l-proprejta tac-cilindri kellu jghaddi ghand Liquigas. Kieku c-cilindri kienu tal-konsumaturi, l-Enemalta ma kinitx tkun tista tbiegh xi haga li mhijiex taghha. Fil-fatt jirrizulta li l-ebda konsumatur ma pprova jwaqqaf il-privatizzazjoni li ghamlet l-Enemalta u l-bejgh tac-cilindri tal-gass lil Liquigas. Il-konsumatur gie protett biss billi d-depozitu li kien ghamel baqa' garantit li jigi ritornat billi Liquigas dahlet responsabbli ghal hlas tieghu jekk jintalab lura. Kieku d-depozitu kien jirrapprezenta l-prezz tac-cilindru, Liquigas ma kienx ikollha ghalfejn tidhol responsabbli ghal dak id-depozitu.

Is-socjeta konvenuta ma gabet ebda prova kuntrarja ghal dan u semplici kongetturi u dubji mhux sostanzjali bi prova ma jistghux jittiehdu bhala fatti kontra dak prodott mis-socjeta attrici rigwardanti bejgh ta' oggetti mobbli.

Illi fil-fehma tal-Qorti s-socjeta attrici gabet prova illi c-cilindri tal-gass li kienu proprjeta tal-Korporazzjoni Enemalta ghaddew ghand is-socjeta attrici meta dina xtrat in-negozju tad-divizjoni tal-gass minghand l-Enemalta u dan fit termini tal-artikolu 1347 tal-Kap. 16.

**Xiri ta' gass. Xiri ta' cilindri**

Kwantu ghal kwistjoni jekk meta il-konsumatur jixtri l-gass huwa jkunx qed jixtri c-cilindru tal-gass ukoll, kienet il-prassi stabbilita li meta klijent jitlob "new service", il-kumpanija Enemalta kienet tghaddilu cilindru mimli wara li hallas depozitu ghalih. Dan id-depozitu jigi ritornat lil klijent meta hu jiddeciedi li jiehu lura c-cilindru l-vojt lil kumpanija minghajr ma jiehu cilindru iehor mimli minfloku (ara Dok. RCI u RC2 a fol. 260-261).

Illi s-socjeta attrici ssostni li n-negozju tal-bejgh tal-gass LPG kien ilu jigi gestit ghal hafna snin mill-Enemalta bi prattika kummercjali ta' xiri ta' gass u mhux ta' cilindri da parti tal-konsumatur bi skambju bejn cilindru vojt ma’ wiehed mimli u meta konsumatur irid servizz gdid ikun irid ihallas depozitu fuq ic-cilindru. Din il-prattika kummercjali giet adoperata mis-socjeta attrici u anke l-istess socjeta konvenuta tuza l-istess modalita. Is-socjeta konvenuta ma ressqet l-ebda prova li hemm xi prattika kummercjali ohra differenti. Dina l-prattika anke gie konfermata mix-xhieda Fernando Cremona u Aaron Camilleri prodotti mis-socjeta konvenuta.

Illi skont il- ftehim tan-1992 art. 3(a), id-distributuri huma marbuta li jirritomaw ic-cilindri vojta l-impjant u li (b) ma jahznux cilindri kemm mimlija u kemm vojta. Din l-obbligazzjoni tikkonferma li l-atturi ma jbieghux c-cilindri lill-konsumaturi jew distributuri (ara fol. 1109; 1117).

Illi s-socjeta attrici ressqet ukoll prova li fuq d-depozitu li jithallas mill-konsumatur ghas-servizz gdid, ma jithallasx VAT ghalhekk issostni li mhux qed isir bejgh ta’ cilindru izda ta’ gass u jsir depozitu fuq ic-cilindru.

Illi jirrizulta li jekk kljent ikollu xi diffikulta b'xi cilindru, dan jista' jcempel biex il-kumpanija tiehu hsieb tirrangahulu li ma kienux ikun il-kaz li kieku c-cilindru kien proprjeta unika tal-konsumatur. Gie stabbilit ukoll li l-Malta Resources Authority tirrikjedi li s-supplier ikollu "on call emergency service" biex jittratta l-emergenzi kollha li jistghu jinqalghu fic-cilindri waqt li jkunu fil-pussess tal-konsumaturi.

Illi meta konsumatur jixtri l-gass minghand id-distributur, il-konsumatur jaghti lura c-cilindru vojt li jkun uza, u d-distributur jaghtih wiehed iehor mimli. Il-konsumatur pero ma jinghatax l-istess cilindru li hu jkun tah imma iehor differenti mimli.

Illi jirrizulta li l-ircevuta li tinghata ghad-depozitu li jkun thallas, hija ricevuta ghas-servizz gdid li l-konsumatur ikun se jiehu u mhux ricevuta ghax-xiri ta' cilindru. Hu jhallas ghal refundable deposit ghal uzu ta' dak ic-cilindru.

Jirrizulta mill-provi li s-socjeta konvenuta hadet ic-cilindri tal-Liquigas ghax qalet li dawn huma tal-konsumatur, izda fl-istess waqt hija zebghet ic-cilindri taghha bil-kulur griz maghzul minnha ghac-cilindri taghha u anke wahhlet metal plate biex turi li hija s-sid ta' dawk ic-cilindri u ghalhekk mhux tal-konsumatur, u dana jmur kontra dak li qed issostni s-socjeta konvenuta f'dina l-kawza.

In oltre ma giex pruvat li d-distributuri tal-gass jixtru c-cilindri minghand il-kumpaniji imma huma jinghataw biss numru ta' cilindri li juzaw bhala working stock u jekk ma jirritornawx in-numru ta' cilindri li jinghataw huma jridu jhallsu ghalihom.

Is-socjeta attrici hija responsabblli ghac-cilindri tal-gass li hija tqieghed fis-suq u trid taghmel maintenance u retesting tac-cilindri kull tant zmien. Ghalhekk kieku c-cilindru kien tal-konsumatur, ma kienx ikun hemm ghalfejn li Liquigas tidhol responsabbli ghalih, ghal manteniment tieghu, u biex jigi retested ghax ic-cilindru ma kienx ikun taghha imma tal-konsumatur u hu kien ikun responsabblli ghalih.

Kwantu ghas-sottomissjoni tas-socjeta konvenuta li l-presunzjoni hija dejjem li kull persuna tipposjedi ghaliha nfisha u b'titolu ta' proprjeta, is-socjeta attrici tikkontendi kif dal resto ghandha tigi intiza l-ligi civili generali li dina hija presunzjoni juris tantum sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju. Hi ssostni li dina l-presunzjoni ma tezistiex fil-Kodici tal-Kummerc u ma tapplikax f'dana l-kaz billi l-kwistjoni hija regolata minn prattika kummercjali stabbilita b'mod kostanti u pacifiku (ara referenza supra) ferm qabel ma bdiet il-kontestazzjoni tas-socjeta konvenuta. Din il-Qorti taqbel fil-fatt mas-sottomissjoni tas-socjeta attrici. In oltre izzid illi l-ftehim bejn il-klijent u s-socjeta li qed tissuplixxi c-cilindru hi wahda li ghandha titqies bhala kuntratt innominat billi din il-Qorti ma sabet ebda kuntratt nominat li hu applikabbli specifikament ghal relazzjoni

li tezisti bejn is-supplier tac-cilindru u l-klijent. Li hu cert hu illi l-klijent ma jistax jinghad li qed jipposjedi animo domini bil-pussess tac-cilindru ghas-semplici raguni li c-cilindru jinbidel kull darba li jerga' jordna l-gass. Dan ixejjen l-argument tas-socjeta konvenuta li l-klijent isir sid tac-cilindru bil-pussess tieghu. Id-detenzjoni fattwali ma tekwevalix ghal dritt ta' proprjeta kif jidher minn dak li jigri fil-prattika.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti apparti li s-socjeta attrici rnexxilha tipprova li c-cilindri huma taghha billi xtrathom minghand Enemalta meta saret il-privatizzazzjoni u anke xtrat ohrajn bhala godda ghaliha, gie pruvat ukoll li meta s-socjeta attrici tbiegh il-gass fic-cilindru, hija tbiegh il-gass biss u mhux ic-cilindru li jibqa' taghha u l-konsumatur ikollu biss l-ircevuta tad-depozitu li jkun hallas meta ha s-servizz gdid, liema depozitu l-konsumatur jista' jiehdu lura jekk ma jkunx irid aktar dak is-servizz.

**Danni**

Illi s-socjeta attrici pprezentat Dok. P2 a fol. 824 li huwa prospett tad-danni sofferti minnha flimkien ma' numru ta' dokumenti in sostenn tal-istess prospett (ara fol. 824). L-atturi qed jippretendu s-somma ta' €101,250 biex xtraw cilindri godda biex jissostitwixxi dawk li ma gewx ritomati lilhom; l-ammont ta' €50,625 bhala fmancial costs for anticipated purchases of cylinders; €21,840 spejjez biex gabu lura c-cilindri minn Napli fejn kienet baghtitlhom is-socjeta' konvenuta u €405,000 ghac-cilindri li gew mohbija, mibruxa u mizbugha mill-gdid u li ma jistghux jintuzaw, ghax nehhewlom is-serial number.

Il-Korporazzjoni Enemalta eccepiet li hija ma kkawzat ebda danni lis-socjeta attrici u ghalhekk ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati.

Illi fil-fehma tal-Qorti d-danni gew kawzati u qed jigu kawzati minhabba l-agir tas-socjeta konvenuta Easygas u mhux minhabba xi agir tal-kjamat fil-kawza Enemalta.

Illi s-socjeta konvenuta Easygas eccepiet illi:
1. L-allegazzjoni tas-socjeta attrici li sofriet u qeghda issofri danni b'konsegwenza tal-agir tas-socjeta konvenuta hija infondata stante li s-socjeta attrici mhijiex qed tigi

deprivata mill-uzu tac-cilindri taghha peress illi ma hemm l-ebda obbligu fuq il-pussessur tac-cilindri tal-gass Ii jirritorna l-istess cilindri lis-socjeta attrici;

2. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tas-socjeta attrici li tista' ssofri danni minhabba li hija tista' tinsab responsabbli ghal xi incident jew ilment li jirrigwarda cilindru li ghandu xi isem jew marka jew sinjal distintiv taghha, din hija wkoll infondata stante illi hija semplicement sitwazzjoni ipotetika.

Illi ma jirrizultax mill-provi Ii l-prospett tad-danni prezentat mis-socjeta attrici gie kontestat per se. Fl-eccezzjoni taghha s-socjeta konvenuta issostni li s-socjeta attrici mhijiex qed tigi deprivata mill-uzu tac-cilindri billi ma hemm l-ebda obbligu fuq il-pussessur tac-cilindri tal-gass li jirritorna l-istess cilindri lis-socjeta attrici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta pero Ii qabel mas-socjeta konvenuta dahlet fil-kamp tad-distribuzzjoni tal-gass, is-socjeta attrici kienet qed tahdem b'stock ta' numru ta' cilindri li kienu jservuha billi kienet iddawwarhom izjed minn darba. Izda meta Easygas bdiet topera wkoll fid-distribuzzjoni tal-gass, dina bdiet tibdel ic-cilindri tal-gass taghha ma' dawk tal-Liquigas u ma bdietx tirritorna c-cilindri tal-Liquigas u anke bdiet tahzen numru minnhom biex tinqeda bihom hi. Is-socjeta konvenuta anke baghtet barra minn Malta numru ta' cilindri ta' Liquigas biex jinbidlulhom id-dettalji taghhom u anke jitbiddel il-kulur taghhom biex ma jibghux jidhru li huma ta' Liquigas (ara xhieda ta' Michael Mallia dwar il-proceduri li kellhom jiehdu l-Italja biex igibu lura dawn ic-cilindri taghhom). Il-Qorti diga ddecidiet li dawn ic-cilindri huma proprjeta ta' Liquigas u parti mill-istock Ii hija kienet tuza. Ghalkemm ikun hemm xi numru ta' cilindri li ma jigux ritornati, izda dawn mhumiex il-maggoranza u s-socjeta attrici kienet dejjem tmexxi bl-istock li kellha fis-suq sakemm ma tfaccatx Easygas li bdiet izomm ic-cilindri taghha u ma tirritornahomx.

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni l-ohra tas-socjeta konvenuta li l-allegazzjoni tas-socjeta attrici li tista' ssofri danni minhabba li hija tista' tinsab responsabbli ghal xi incident jew ilment li jirrigwarda cilindru li ghandu l-isem taghha, fil-fehma tal-Qorti din hija mhijiex semplicement sitwazzjoni ipotetika imma sitwazzjoni reali billi Liquigas tibqa' responsabbli taht il-ligi ghac-cilindri li hija ddahhal fis-suq.

Ghalhekk fin-nuqqas ta' kontestazzjni tal-quantum tad-danni l-Qorti hi propensa li taccetta l-prospett esebit mis-socjeta attrici.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, Il-Qorti tiddeciedi billi

I. Tordna lill-kumpanija konvenuta tieqaf minnufih milli tigbor ic-cilindri tal-kumpanija attrici minghand terzi minghajr il-kunsens taghha;

2. Minhabba n-natura u d-diffikulta prattika tal-kaz tastjeni milli tordna lil kumpanija konvenuta biex tirritorna c-cilindri kollha li huma proprjeta tal-kumpanija attrici, u li qeghdin fil-pussess taghha, u minflok tordna lis-socjeta konvenuta tassumi hi r-responsabilta legali ghal dawn ic-cilindri bil-konsegwenzi kollha li tali ordni timporta inkluz li taghmel dak necessarju biex dawn ic-cilindri jidhru li huma proprjeta tas-socjeta konvenuta;

3. Tiddikjara li b'konsegwenza tal-agir tal-kumpanija konvenuta kif hawn fuq spjegat, l-istess kumpanija attrici sofriet u ghadha qed issofri danni;

4. Tiddikjara li l-kumpanija konvenuta hija responsabbli ghal dawn id-danni;

5. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-kumpanija attrici sad-data tas-sentenza fl-ammont kollu mitlub cioe €578,715,

6. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tas-7 ta' Jannar 2011 u tal-mandat ta' inibizjoni tal-21 ta' Jannar 2011, kontra l-kumpanija konvenuta bl-imghax jiddekorri mid-data tal-prezentata tal-kawza.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur